MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 108/2010

**A B f' isimha prorpju,**
**u bhala kuratrici 'ad litem' tal-minuri C**
**li twieled fis-17 ta' Frar 2010**
**vs**
**D B, E F,**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li fis-17 ta' Frar 2010 hija wildet lit-tifel bl-isem C minn relazzjoni extra matrimonjali li kellha mal-konvenut E F wara s-separazzjoni de facto minn mal-konvenut D B fis-sena 2004; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti: [a] tiddikjara li l-konvenut mhuwiex il-missier naturali ta' l-imsemmi minuri; [b] tiddikjara li l-konvenut E F huwa l-wild naturali ta' l-istess minuri; [c] li tordna d-debita korrezzjoni fl-att tat-twelid tat-tifel, bin-numru 695/10;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha, wara li ssolleva zewg eccezzjonijiet ta' natura procedurali, bin-numri [1] u [2], eccepixxa:

[3] Illi dwar il-mertu tal-kawza l-esponent naturalment m' huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' li l-provi migjuba ghandhom ikunu l-ahjar u kif ukoll sodisfacenti f' ghajnejn il-ligi;

[4] Illi madanakollu salv ghal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti jridu jipprovaw li l-intimat D B fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri rispettivi, kien fl-impossibilita' fizika li jghammar ma' martu A B minhabba li kien il-boghod minnha ai termini ta' l-Artikolu 77 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

[5] Illi fl-istess waqt irid jigi pprovat ukoll li l-pussess ta' stat tal-minuri C B ma jaqbilx ma' l-istat li jaghtuh l-Att tat-Twelid tieghu a tenur tal-Artikolu 81(1) u (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

[6] Illi minghajr pregudizzju ghas-suriferit dejjem f' kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, il-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem D B, senjatament taht il-kolonna u r-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm u ta' min ghamel id-dikjarazzjoni, ghandhom jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 695 tas-sena 2010. Inoltre l-partijiet iridu jaqblu wkoll liema kunjom ha jassumi l-minuri C;

[7] Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti m' hijix attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u ghalhekk huwa m' ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

[8] Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut D B li biha ddikjara li hu jaqbel ma' l-ewwel talba billi huwa mhuwiex il-missier naturali tal-minuri, kif ukoll mat-tielet talba fis-sens li c-certifikat tat-twelid tal-minuri ghandu jigi debitament korrett;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tat-2 ta' Novembru 2010 li permezz tieghu l-attrici rtirat it-tieni talba;

Rat in-nota prezentata mill-konvenut E F li permezz taghha ddikjara li "m'ghandux oggezzjoni ghat-talbiet attrici, u jikkonferma l-kontenut tar-rikors guramentat."[1]

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA maghmul mill-Analista Paul Sultana, u l-Ispizjara Dottor Marisa Cassar, minnhom debitament mahluf;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li l-missier naturali tat-tifel C, imwieled minnha fis-17 ta' Frar 2010, mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut D B;  kif ukoll, qed titlob d-debita korrezzjonijiet fl-att tat-twelid tat-tifel, numru 695/2010.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici u l-konvenut D B sseparaw de facto fis-sena 2004, u li minn dak iz-zmien il quddiem huma ma kellhomx kuntatt ghajr fil-qorti. L-attrici tghid: "Nikkonferma li minn dak inhar li tlaqt mid-dar matrimonjali fl-2004 jiena qatt m' ergajt mort lura, u lanqas qatt kelli kuntatt ma' D B, hlief meta niltaqghu il-qorti."[2]

---

[1] Fol.24
[2] Fol.13

Sussegwentement, ghal habta ta’ Mejju 2005 l-attrici ltaqghet mal-konvenut E F, u fl-ahhar tas-sena 2005 “bdejna niffrekwentaw lil xulxin, u nholqot relazzjoni serja bejnietna li ghadha sejra sal-gurnata tallum.”[3] Ghalhekk hi tghid li t-tifel huwa l-wild naturali tal-konvenut E F, u mhux tal-konvenut D B.

Illi r-rapport xjentifiku tad-DNA jissufraga l-verzjoni ta’ l-attrici.

Dan premess u kkunsidrat, it-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’t-talbiet attrici, u tiddikjara li t-tifel C, li twieled mill-attrici fis-17 ta’ Frar 2010, mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut D B, u tordna d-debita korrezzjoni fl-imsemmi att tat-twelid fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez jkunu kollha a kariku ta’ l-attrici u tal-konvenut E F, konguntivament fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[3] Aff. Datat 20.04.2010 – fol.13